MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2004

Numru 667/1999

**Il-Pulizija
(Sp. Mario Tonna)
v**

**Josef (Joseph Sandro) Bartolo ta' 23 sena
mwieled nhar is-7 ta' Settembru, 1975,
gewwa Pieta', bin Michael u Georgina nee Agius,
u residenti gewwa 173, Triq Villambrosa, Hamrun,
jew 56, Flat 5 Triq San Mark, Valletta u
detentur tal-karta ta' l-identita' 456375(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Josef (Joseph Sandro) Bartolo talli bejn ix-xahar ta' Lulju u Awwissu 1999 gewwa l-Imsida u l-Mosta ffalsifika dokument tal-karta tal-identita ta' Edward Micallef bin-numru 321273M u talli qalibha li turi x-xbieha tieghu, u dan ai terminu tal-artikolu 14 (1) (2) (c) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fix-xahar ta' Gunju 1999 gewwa l-Belt Valletta waqt li gie fil-pussess tieghu dokument ta' karta tal-identita li hu fuq isem haddiehor ma rritornahx lura lil sidu jew lil xi ufficjal awtorizzat u dan bi ksur tal-artikolu 12 u 14 (1) (2) (a) tal-Kap 258 tal-Ligjiet ta' malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet ffalsifika deula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu presentati wiehed jista jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern, u dan ghad-dannu ta' Edward Micallef mill-Hamrun u Victor Tabone mill-Floriana u Bank of Valletta plc u dan ai terminu tal-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra foloz, msemmijin fl-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici jew fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'dibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz min obbligi, jew billi ddahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew ffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw u dan ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skrittura falza fl-artikolu ai termini tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi, inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew hila, seta fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew bizi dawr xi grajja kimerika,

ghamel qliegh b'qerq li jeccedi l-mitt lira Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin bi hsara ta' Joe Vella u Carmen Sammut u dan ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur gewwa il-gzejjer Maltin u cioe minn gewwa il-Belt Valletta minn pjazza Mattia Preti kkommetta serq ta' dokument ta' karta tal-identita nru321273M ghad-dannu ta' Edward Micallef mill-Hamrun u ghad-dannu tal-Gvern Malti ai terminu tal-artikolu 261 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zminijiet gewwa l-Gzira meta sab zewg cekkijiet, hwejjeg li naqsu lil Victor Tabone mill-Floriana jew li kien tilef ma gharrafx bihom, fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija ai terminu tal-Artikolu 340 (c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li kien hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu pero' rigward l-imputazzjoni l-ohra iwiegeb li mhux hati. Ghalhekk mal-interrogatorju Josef Bartolo ammetta l-ewwel zewg akkuzi cioe dawk ir-reati kontemplati taht l-artikoli 12 u 14 tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta u r-reati kontemplati taht l-artikolu 167 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat in-nota tal-avukat generali a foll 48 tal-process fejn l-avukat generali baghat dawk l-artikoli taht liema haseb li tista tinstab htija u cioe l-artikolu 12 u 14 (1) (2) (a) u (c) tal-kap 258, l-artikolu 167 u 169 tal-Kap 9, l-artikolu 183 u 184 tal-Kap 9, l-artikolu 308 tal-Kap 9, l-artikolu 261 u 340 (c) tal-Kap 9. Rat ukoll li Josef Bartolo kien ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji u dan a foll 50 tal-process.

Ikkunsidrat illi din il-kawza tista' tghid illi din il-kawza inbdiet minn rapport li rredica Edward Micallef li anke ttella bhala xhud li spjega li hu gie avvicinat minn mara li qaltlu li xi jiem qabel kien xtara minghandha dehumidifier u li c-cekk li kien hallasha bih li fuqhu kellha l-indirizz tad-dar ovjament ma kienx imsarraf. Din is-sitwazzjoni gratlu wkoll fil-konfront ta' hanut li hu ddeskriva bhala l-Price Club tal-Mosta. Muri z-zewg cekkijiet li bihom hu suppost ghamel

dan ix-xiri, is-Sur Edward Micallef gharaf li l-firma fuq ic-cekkijiet ma kinitx tieghu. Hawn hekk is-Sur Edward Micallef kif granet qabel hu kien qed jahsel il-karozza u kien waqaf l-imputat Josef hdejh jghinu. L-ghajnuna fil-fatti kienet fis-sens illi hu ghenu jdahhal it-tapiti u l-log book u affarijiet hekk. Ta' importanza dan il-fatt hu ghax kif spjega l-istess xhud Edward Micallef, hu kien izomm kemm il-log book u kif ukoll l-ID card tieghu f'envelope li kien izomm fis-sunsheet tal-karozza. F'dan l-istadju jghid ukoll hu li hu ma ndunax li dak il-hin kellu l-ID card nieqsa. Li jista jghid fic-cert hu li l-ID card kienet ghandu xi jiem qabel ghax kien uzaha biex isarraf il-paga. Qal ukoll ix-xhud li ftit zmien wara hu gie mwaqqaf f'road block il-Floriana fejn gie mitlub kemm il-log book, il-licenzja u l-ID card pero l-istess ID card ma sabiex. Sussegwentement meta jiem wara hu gie avvicinat fuq ix-xirit ad-dehumidifier kif hawn fuq premess gieh suspett fl-imputat Josef Bartolo u hawn hekk telaq ifittxu. Talbu hawn hekk l-ID card lura u anke biex imur jispjega lill-mara tieghu biex jispjegalha li hu qatt ma xtara jew hallas id-dehumidifier. Marru d-dar ta' Josef u hemm l-istess Josef urieh ID card bil-wicc ta' ritratt imqatta'. Flimkien ma Josef hu mar f'dan il-hanut tal-imsida li hu qed jiddeskrivi li qieghed tlett ihwienet hdejn xulxin kif taqbez il-lights tal-Imsida. Iktar tard mill-investigazzjonijiet u mix-xhieda jirrizulta li dan il-hanut hu fil-fatt il-Johnsons store. Darba li accedew f'dan il-hanut hu u l-imputat, l-istess sid il-hanut kkonfermat li ma kienx ix-xhud li kien xtara id-dehumidifier izda kien l-istess imputat. Fil-fatt ix-xhud talabha tirranga ghall-flus cioe ghall-hlas mal-imputat. F'mohh dan ix-xhud Edward Micallef, din is-sitwazzjoni grat ukoll minn xi hadd li hu ddeskriva bhala tal-Price Club tal-Mosta, hanut li hu ddeskriva bhala tal-preserves u dan qallu li ghandu jaghtih xi xirja. Hawn hekk Edward Micallef fiehem lil din il-persuna x'kienet is-sitwazzjoni cioe dak li kien gralu bl-ID card li giet misruqa u talbu jaghmel rapport l-ghassa l-Belt. Anke s-Sur Micallef stess kien ghamel dan id-debitu rapport.

Mistoqsi x-xhud ghaliex kien gieh suspett fl-akkuzat Josef Bartolo wiegeb hekk a foll 31 tal-process 'qed nigi mistoqsi kif waqali suspett fuq Josef Bartolo. Dan

Nirrispondi ghax xi jumejn jew tlieta qabel ma kont qed nahsel il-karozza kont uzajt l-istess ID card biex insarraf ic-cheque tal-paga u ma missejthiex hlief dik in-nhar li kont qed nahsel il-karozza. Sussegwentement meta cempluli nonostante l-fatt li jien ma kontx rajt l-ID card kif giet olterata hsibt hazin fih u kkonfermajt is-suspetti tieghu ghax meta avvicinajtu u htaftu kif diga ddeponejt u hu qalli ha nfehmek, ha nfehmek u sar abjad karti. Kont iltqajt mieghu hdejn il-bandli fl-istess post.' (foll 31 tal-process).

Jinghad ukoll li x-xhud Edward Micallef gharaf ukoll l-ID card esebita bhala Dok. MT3 mill-ispettur Tonna bhala l-ID card tieghu, ovjament kif giet alterata.

Xhud iehor Victor Tabone tkellem dwar il-fatt li hu kien intebah li c-cheque book li kien izomm fil-bieba tal-karozza kien naqaslu mill-istess karozza. Ghamel rapport mal-bank, anzi qal li dam ftit biex ghamel rapport mal-bank u fil-perjodu bejn in-nuqqas tac-cheque book u r-rapport gie jfittxu xi hadd minn ta' Johnson tal-Imsida u wrewlu cheque u staqsewh jekk hux tieghu. Is-Sur Tabone wiegeb li rrisponda li c-cheuqe kien tieghu pero l-firma le. Qal ukoll li jekk jiftakar sew li c-cheuqe kien payable lil certu Josef Bartolo. Meta gie muri d-dokument gia esebit mill-Ispettur Tonna bhala Dok MT2 kkonferma li c-cekk kien payable lil Edward Micallef pero kien cekk mahrug mill-kont tieghu. Sussegwentement kif anke telgha jixhed rapresentant tal-bank, Tankred Mizzi, is-Sur Victor Tabone kien kostrett li barra li jaghmel stop payment fuq dak ic-cekk anke jaghmel stop payment fuq ic-cheques l-ohra appartenenti dak ic-cheque book li lilu gie nieqes.

Xedhu wkoll kemm Carmen Sammut kif ukoll Joseph Vella li l-Qorti tifhem huma rispettivament il-propjetarji ta' Johnsons Stores u tas-Supermarket involut f'dan il-kaz u t-tnejn fehmu kif huma gew ingannati bl-ID card murija cioe dik l-ID card li fuqha kellha mwahhal wicc l-imputat pero kienet tappartjeni lil xi hadd iehor, nafu issa li ta' Edward Micallef u li sussegwentement ic-cekkijiet mahruga u moghtija lilhom bhala hlas ma gewx imsarrfa pero t-tnejn li huma, dawn it-tnejn min nies it-tnejn qalu li

llum it-tnejn li huma gew imhallsa l-ammonti kollha lilhom dovuti.

Jirrizulta wkoll li fil-fatt kien l-akkuzat stess li ssalpa l-pretensjonijiet minnu maghmula ma' Johnsons store u mas-Supermarket tal-Mosta. Tista tghid li dawn kienu in succint ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.  Id-difiza in kwantu xhieda ghazlet biex ittella probation officers u nies involuti fil-programmi ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga in sosten tal-progress li llum Josef Bartolo qed jaghmel f'dan il-konfront. Pero qabel ma l-Qorti  tezamina tali xhieda wiehed irid ihares ukoll lejn l-istqarrija li ghazel li jirrilaxxja l-istess akkuzat esebita a foll 19 tal-process mmarkata bhala Dok. JB.  Fl-istqarrija hu qal li l-ID card ta' Edward Micallef giet ghandu ghaliex hu u Edward xi xahrejn qabel kienu sejrin party u Edward talbu izommlu l-ID card u b'hekk baqghet ghandu.  Ammetta li fil-fatt hu ghamel uzu minnha ghax xtara biha xi darbtejn. Qal ukoll li kien sab zewg cekkijiet li qalibhom fuq Edward Micallef u li pogga anke ritratti tieghu fuq l-ID card ta' Edward. Dwar dawn ic-cekkijiet spjega li hu kien sabhom il-Gzira gewwa pouch iswed hdejn il-pompa tal-petrol. Dwar dawn ic-cekkijiet qal li kien zammhom u wara xi zmien ghamilhom fuq Edward Micallef u xtara b'wiehed minnhom fan minn Ta' Xbiex u l-iehor mar jaghmel xirja biha. Qal ukoll li kien xi gimghatejn ilu li Edward Micallef kien mar id-dar tieghu u qallu bl-istorja tal-fan, talbu l-ID card, marru jkellmu lil din il-mara li talbitu l-fan pero ghazel li jhallasha.  Mistoqsi wkoll jekk meta rritorna l-ID card lil Edward Micallef tahielux bir-ritratti tieghu stess fuqha, wiegeb li le ghax dak kien qalghu u ramieh. Wiegeb ukoll li kien pogga ritratt tieghu fuq l-ID card u wahhlu bil-kolla. Dwar ic-cekkijiet ta' Victor Tabone wiegeb li meta sabhom dawn kienu vojta pero kien hu li nizzel bil-kliem bil-flus u isem Edward Micallef fuqhom u n-numru tal-Id card u anke l-indirizz.  Qal pero li dawn ic-cekkijiet kienu ffirmati. (Wiehed irid izom f'mohhu f'dan l-istadju li Victor Tabone fix-xhieda tieghu nnega li hu qatt halla xi cekk ffirmat jew li xi cekk mic-cheque book nieqes minn gol-vettura tieghu kien ffirmat).  Dwar ix-xiri mis-supermarket spjega li hu mar jixtri minghand Ta' Natu Supermarket tal-Mosta, tah cekk ghall-ammont ta' LM86.24 u l-kumplament hadhom flus, cioe ic-cekk li tah

kien jammonta ghal izjed u ghal hekk hallas b'dak ic-cekk u nghata l-bqija.  Ammetta wkoll li hemm hekk urieh l-Id card ta' Edward kif bidilha bir-ritratt tieghu.

Kif spjegat il-Qorti, il-provi li ngabu mid-difiza kienu fil-konfront tal-progress li l-akkuzat qed jaghmel fil-programm ta' rijabilitazzjoni u jidher li f'dawn il-programmi kemm minn taht ordni ta' supervizjoni, llum taht ordni tal-probation moghtija mill-Qorti diversament preseduta u fil-fatti kemm Mary Grace Vella u kif ukoll Carm Borg u Fr. Alex Cordina kollha xehdu li fil-problema tieghu ta' addiction tad-droga, anzi biex jehles mill-problema tieghu tal-addiction tad-droga, l-imputat kien sejjer tajjeb hafna u sal-4 ta' Frar li ghadda meta l-Qorti semghet l-ahhar xhieda prodotta mid-difiza u cioe li hija Mary Grace Vella, il-probation officer li qed ssegwi lil Joseph Bartolo fuq sentenza sospiza, xehdet ukoll l-istess Mary Grace Vella li llum anke rranga diversi aspetti ta' hajtu fosthom relazzjoni mal-familja u anke qieghed f'xoghol stabbli.

Ikkunsidrat, li din il-Qorti, apparti ghall-ammissjoni rigward l-ewwel zewg akkuzi registrati mill-istess Josef Bartolo fl-interrogatorju kif diga premess, u ghal din l-ammissjoni, din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghala ma taccettahiex, tqis ukoll li l-istess Josef Bartolo hu hati tal-akkuzi l-ohra kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 169, 183 u 184, 308, 261, 340 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena,   rat il-fedina penali aggornata.

Semghet lil Dr Vince Galea li bl-adezjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li Josef Bartolo fit-2 ta' Lulju, 2004 iggradwa b'succes mill-Agenzija Caritas.

In kwantu jidher li l-akkuzat Bartolo qed jaghmel tentattiv serju li jirriforma hajtu qed tapplika l-Artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena b'dan illi qeghda tqeghdu taht ordni ta' probation ghal zmien sena, qed tahtar ghal dan l-iskop lil Mary Grace Vella u dan in linea ma' l-ordni ta' supervizjoni ghal tliet snin moghtija fis-sena 2002 b'dan illi hu ghandu

jobdi kwalunkwe ordni li taghtih l-istess Probation Officer specjalment fil-konfront ta' kwalunkwe problema li ghandu jew baqghalu fil-vizzju tieghu in relazzjoni ma' droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------